MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 24/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Matthew Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Matthew Camilleri talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Novembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, bhala *player* ta' Msida St Joseph Football Club, li sar jaf, sew jekk verbalment, bil-miktub, jew xort'ohra, li kien sar xi reat kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 263 tal-Ligijiet ta' Malta, naqas milli jgharraf b'dan lil Kummissarju tal-Pulizija fi zmien tliet xhur mid-data li fiha sar jaf b'dan it-taghrif;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2010 li permezz

taghha dik il-Qorti, wara lirat l-artikoli 3 u 7 tal-Kap. 263 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Matthew Camilleri hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu inkondizzjonalment;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Matthew Camilleri pprezentat fid-29 ta' Jannar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu gie misjub hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u tirrevokaha kwantu fil-konfront tieghu gie applikat l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok ma timponi ebda piena fuqu izda tiddikjara li huwa ezenti minn kull forma ta' piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni erroneja tal-ligi. Huwa ghandu zewg ilmenti li se jigu kkunsidrati *seriatim*.

L-ewwel ilment jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' htija li ghamlet l-ewwel Qorti. Jghid li peress illi l-artikolu 7 tal-Kap. 263 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li persuna li tibbenefika minn dak l-artikolu tal-ligi tkun ezentata mill-piena, huwa ma kellux jinstab hati izda kellu jigi liberat. Nuqqas ta' piena, skond l-appellant, ifisser nuqqas ta' reat. Jaghmel referenza ghal dak li jghidu Antolisei u Manzini dwar in-nozzjoni ta' "reat". Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant. L-artikolu 7 imsemmi jghid testwalment hekk:

**"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem fl-eghmil ta' xi reat kontra xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-wiehed fosthom li, qabel ma jinbdew xi procedimenti kriminali, jaghti l-ewwel taghrif dwar dak ir-reat u jirrapporta lill-iehor jew lill-ohrajn li jkunu**

**ghamlu r-reat lill-awtoritajiet kompetenti, ikun ezentat mill-piena.”**

Id-dicitura ta’ dan l-artikolu hija cara. Ir-reat ikun diga` sehh. Dan l-artikolu ma jghidx li ma jittehdux passi kontra l-*whistleblower*. Lanqas ma jghid dak l-artikolu li l-*whistleblower* ikun ezentat mill-htija. Jghid biss li jkun “ezentat mill-piena”. Mela proceduri jittiehdu, il-fatt li ta taghrif lill-awtoritajiet kompetenti jingab a konjizzjoni tal-Qorti u dik il-Qorti ma timponi l-ebda piena, izda xorta tiddikjara l-htija. Stranament ukoll, u b’mod kontradittorju ghal dan l-ewwel ilment, l-appellant talab li d-dikjarazzjoni ta’ htija tigi kkonfermata. Ghalhekk l-ewwel ilment qieghed jigi michud.

It-tieni lment jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti, wara li ddikjarat l-htija, ghaddiet biex tapplika l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u lliberatu inkondizzjonatament. L-appellant isostni illi lanqas daqshekk ma setghet taghmel l-ewwel Qorti. Jghid li l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jikkontempla zewg rekwiziti biex akkuzat ikun jista’ jinghata liberazzjoni assoluta jew kondizzjonata. Fl-ewwel lok irid ikun hemm id-dikjarazzjoni ta’ htija fuq reat, u fit-tieni lok il-Qorti tkun tal-fehma li “ma jkunx spedjenti li twahhal piena u dik l-ordni ta’ *probation*, ordni ta’ servizz fil-komunita` jew ordni ta’ *probation* u servizz ma jkunux adatti”. Ghalhekk, ikompli l-appellant, l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jintuza biss f’kaz ta’ cirkostanza/i partikolari li minhabba fihom il-Qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena “normali” preskritta mil-ligi. L-ezistenza ta’ piena preskritta mil-ligi, jargumenta l-appellant, hi ghaldaqstant rekwizit *sine qua non* ghall-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446. Tali rekwizit huwa f’dan il-kaz nieqes peress illi fl-artikolu 7 tal-Kap. 263 il-legislatur specifikatament ghazel li jaghmilha cara li ndividwu li jikkwalifika taht dan l-artikolu 7 “ikun ezentat mill-piena”.

L-appellant ghandu ragun. *Probation*, ordni ta’ servizz fil-komunita`, ordni ta’ *probation* u servizz fil-komunita`, liberazzjoni kondizzjonata (*conditional discharge*) u liberazzjoni inkondizzjonata (*absolute discharge*),

ghalkemm mhumiex meqjusin bhala mizuri punittivi, ghandhom fattur komuni illi jinghataw minflok il-piena stabbilita ghar-reat li dwaru persuna tigi dikjarata hatja. Meta l-ligi tghid li l-Qorti tkun tal-fehma li ma jkunx spedjenti li twahhal piena, dan irid ikun ghal raguni jew ragunijiet indipendenti minn provvediment fil-ligi bhalma hu l-artikolu 7 tal-Kap. 263 fejn il-piena msemmija fil-Kap. 263 hi espressament eskluza fic-cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu u allura mhix xi haga mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti dwar x'tip ta' piena (fis-sens wiesa' tal-kelma) ghandha tapplika.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, tirrevokaha in kwantu, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatu inkondizzjonatament, u minflok, a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kap. 263 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjarah ezenti mill-piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------